# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## *CITTÀ FERDINAND*

## MINUTI

## SEDUTA NRU 277 – It-Tnejn 3 ta' Frar, 2013

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00p.m. Ippresieda s-Sindku, l-Avukat Dr Karol Aquilina.

## PREŻENTI

Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi-Sindku Dr Mark Anthony Vassallo
Il-Kunsilliera Mariette Borg
Il-Kunsillier Mario Cachia
Il-Kunsillier Emanuel Cutajar
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

## ASSENTI SKUŻAT

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva komunikat mingħand Il-Kunsillier is-Sur Nicholas Cassar fejn talab li jiġi skużat minħabba raġunijiet familjari serji. Is-Sindku ippropona li din l-assenza għandha tkun aċċettata. Il-Kunsilliera Mariette Borg issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta nru. 276 ikunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

### 2.1 Measure 313 – Salib tal-Għolja

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara *site visit* oħra mal-Perit, u wara li mill-ġdid ġew eżaminati l-BOQs instab li l-ispiża biex jittellgħu l-provisti tad-dawl u tal-ilma kienet se taqbeż l-ammont tal-fondi disponibbli. Dan meta skont il-*method statement* tal-

MEPA ftit li xejn hemm ħtieġa tagħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li tista' issir talba lill-*Paying Agency* biex il-fondi ffrankati jintużaw biex jitranġaw il-ħitan tas-sejjiegħ. Biex isir dan irid jintalab permess tal-istess *Paying Agency.*
Is-Sindku ippropona li l-Kunsill għandu jsegwi dan il-parir u s-Segretarju Eżekuttiv jikteb lill-*Paying Agency.*

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**2.2 Kuntratt dwar manutenzjoni tad-Dawl fit-Toroq**

Is-Sindku qal li din il-materja se tkun diskussa u mistenni li tkun deċiża fil-laqgħa li jmiss tar-Reġjun.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien ikkunttjat mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill lokali taż-Żejtun li kienet se ssir laqgħa għal diversi Kunsilli li jiffurmaw parti mir-Reġjun tan-Nofsinhar u mir-Reġjun tax-Xlokk biex jesploraw il-possibiltà li joħorġu sejħa komuni għall-offerti. Huwa kompla jgħid li kien beħsiebu jattendi u jinforma lill-Kunsill bl-eżitu.

**2.3 Cleaning & Clearing of Urban & Surfaced non-urban Areas LCS 23/13**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva tweġiba mid-Dipartiment fejn ingħatat l-approvazzjoni biex il-kuntrattur preżenti jibqa' jopera sakemm ikun hemm deċiżjoni tal-appell. Madankollu, kull tliet xhur, id-Dipartiment għandu jiġi infurmat.

**2.4 Gasan Mamo vs Kunsill Lokali Siġġiewi**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li wara li kkonsulta ma' Avukat imqabbad mill-Kunsill, ittieħdet id-deċiżjoni li jiddaħħal l-appell.

# 3. FINANZI

**3.1 Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti.

Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillier Mario Cachia issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**3.2 Rapport Finanzjarju Lulju-Settembru, 2013**

Is-Segetarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda r-Rapport Finanzjarju għal-Lulju/Settembru, 2013. Huwa qal li filwaqt li l-ewwel perjodu (Jannar-Marzu) irriżulta *f'negative working capital* ta' €19,255 u fit-tieni perjodu (April-Ġunju) in-*negative working capital* niżel għal €10,558, fit-tielet perjodu dan irriżulta *f'positive working capital* ta' €27,201.

Is-Sindku ippropona li dan ir-rapport għandu jkun aċċettat.
Il-Kunsillier Emanuel Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 4. KUNTRATTI

## 4.1 Resurfacing of Roads LCS25/13

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għal din is-sejħa kienu daħlu tliet offerti. Wara konsultazzjoni mal-Perit tal-Kunsill jidher ċar li l-aktar waħda vantaġġjuża hija dik ta' Asfaltar Ltd.,

Is-Sindku ippropona li għandna nilqgħu din l-offerta. Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 5. HWEJJEĠ OHRA

## 5.1 Tismija ta' Toroq

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva komunikat mingħand il-Bord tat-Tismija tat-Toroq biex jintbagħtu proposti għat-tismija ta' toroq li baqa' mhumiex imsemmija. Huwa fakkar li Triq Ġdida fi Triq Lapsi kienet digà ġiet proposta li tissemma Triq Annabelle Vassallo u Triq Ġdida fi Triq Nicoló Baldacchino tissemma Triq Ġuża Mifsud. Barra dawn it-toroq kien għad baqa' biss Triq Ġdida fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi.

Is-Sindku ippropona li għandna nirreattivaw it-talba għat-tismija ta' l-ewwel żewġ toroq. Il-Kunsilliera Mariette Borg issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Il-Kunsillier Emanuel Cutajar qal li kien xieraq li l-uniku triq li fadal mhux imsemmija tissemma' għas-sur Carmelo Aquilina, li huwa l-ewwel Sindku tal-Kunsill li m'għadux ħaj. Huwa kompla jgħid li hu xieraq li s-Sindki li jkunu mietu jiġu onorati b'dan il-mod.

Is-Sindku talab li din il-materja tiġi deċiża fis-seduta li jmiss.

## 5.2 Kunsill taż-Żgħażagħ

Is-Sindku flimkien mal-Ambaxattriċi taż-Żgħażagħ infurmaw lill-Kunsill li fil-jiem li ġejjin se jerġa' jibda jiltaqa' l-Kunsill taż-Żgħażagħ.

## 5.3 Għoti ta' Onorifiċenza Mertu Ġieh is-Siġġiewi

Is-Sindku ippropona li jinħatar sotto-kumitat iffurmat minnu mill-Viċi Sindku u mill-Kunsillier Jesmond Tanti biex jilqa' u jagħżel nominazzjoni għal dan l-għoti.

Il-Kunsillier Emanuel Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 5.4 Pedestrian Crossing fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li mill-korrispondenza dwar dan il-kaz *ta' pedestrian crossing* u li wieħed mill-arbli tad-dawl tiegħu jinsabu biswit *garage*, jidher li l-Kunsill fl-2006 kien intalab minn Transport Malta biex jagħmel proposta alternattiva, liema proposta qatt ma saret.

Is-Sindku qal li kien se jiddiskuti din il-materja mal-Perit.

**5.5 Sinjal tat-traffiku fi Triq Mons. Mikile Azzopardi**

Il-Kunsillier Jesmond Tanti ippropona li jsiru kaxex bojod u sofor skont il-ħtieġa fit-tarf ta' Triq Mons Mikiel Azzopardi kantuniera ma' Triq l-Imqabba fuq simenta li mhijiex bankina imma hija ilqugħ tal-ilma. Dan biex jiġi evitat li residenti jiġu mħarrka mill-gwardjani lokali.

Is-Sindku issekonda filwaqt li talab lis-Segretarju Eżekuttiv lir-Reġjun.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.6 Riforma tal-LES**

Is-Sindku qal li din il-materja se tkun diskussa fil-laqgħa li jmiss tar-Reġjun u ippropona li l-Kunsill jibqa' jżomm il-pożizzjoni li dejjem kellu iġifieri, li f'kull deċiżjoni li tirrigwardja l-lokaità, għandha tiġi rispettata l-pożizzjoni tal-Kunsill u mhux din tittieħed minn korp oltre.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.7 Talba lil Tm għall-bini ta' triq ġdida**

Is-Sindku qal li hemm triq biswit Wesgħat il-Palazz li għadha ma ġietx mibnija. Hu lest li joffri li ssir mill-Kunsill jekk ikun hemm garanzija li TM tagħti l-flus lura lill-Kunsill. Il-Kunsilliera Mariette Borg se ssegwi l-materja.

**5.8 Żjara mis-Segretarju Eżekuttiv fi Brussell**

Is-Sindku qal li bħala parti mill-programm SCREENS se ssir titella' esibizzjoni fiċ-ċentru ta' Brussell ta' xogħol fotografu mit-tliet pajjiżi parteċipi dwar l-immigrazzjoni irregolari u l-komunitajiet lokali. Għal din l-esebizzjoni kien mistieden is-Segretarju Eżekuttiv.

Matul din iż-żjara se ssir laqgħa li fiha se jkun esplorat jekk issirx applikazzjoni mal-UE għal proġett ieħor edukattiva fejn il-Kunsill ikun minor partner ma' bliet oħrajn. Is-Sindku ippropona li s-Segretarju Eżekuttiv jipparteċipa f'din l-attività.

Il-Kunsillier Mairo Cachia issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.9 Pedestrian Crossing ġdid fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi biswit Triq l-Andar**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li hu kien kiteb lil Transport Malta fejn infurmahom li l-Kunsill jaqbel ma' din il-materja, u għalhekk talabhom jipproponu fejn dan il-crossing jista' jsir. Is-Sindku qal li għandu jiddiskuti mal-Perit biex min-naħa tagħna wkoll tintbagħat proposta.

## GHELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fit-8.30pm u ippropona li s-seduta li jmiss titlaqqa' nhar it-Tnejn 24 ta' Frar fis-7:00pm. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

**L-Avukat Dr Karol Aquilina**
**Sindku**

**Is-Sur Nikol Baldacchino**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Konfermati llum it-Tnejn, 24 ta' Frar 2013.**

# Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 14/1/14-3/2/14

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | prokuratur legali | 609.64 | 609.64 | d | pf | appell kas gasan mamo lcs6/10 | 30.1.14 | | 0.60 | | | 10018 |
| 2 | doi | 9.32 | 9.32 | d | pf | publication advert tender lc1/14 | 1.1.14 | | 0.07 | | | 10027 |
| 3 | doi | 9.32 | 9.32 | d | pf | publication advert tender lc1/14 extension | 31.1.14 | | 0.07 | | | 10027 |
| 4 | john marmara | 19.20 | 19.20 | d | pf | gas cylinder | 30.1.14 | 1131 | | | | 10028 |
| 5 | milord | 3753.46 | 3753.46 | t | pf | cleaning non urban jan14 | 3.2.14 | 501 | 2.30 | | | 10029 |
| 6 | emidius camilleri | 551.63 | 551.63 | t | pf | public conveniences jan14 | 3.1.14 | 2 | | | | 10030 |
| 7 | pierre farrugia | 28.80 | 28.80 | d | pf | minerals | 29.1.14 | 96 | | | | 10031 |
| 8 | lands dept | 513.62 | 513.62 | d | pf | rent premises 1/1/14-30/6/14 | 6.1.14 | 1254990 | | | | 10033 |
| 9 | melita | 6.80 | 6.80 | d | pf | tv 1/1/14-31/1/14 | 1.1.14 | 2333681 | | | | 10034 |
| 10 | access point | 306.80 | 306.80 | d | pf | it virtual pack jan14 database backup | 1.1.14 | 4169 | | | | 10035 |
| 11 | access point | 23.90 | 23.90 | d | pf | PSU power support | 20.1.14 | 4191 | | | | 10035 |
| 12 | ecopure | 8.50 | 8.50 | d | pf | water for dispenser | 14.2.14 | 563585 | | | | 10036 |
| 13 | ecopure | 8.50 | 8.50 | d | pf | water for dispenser | 27.2.14 | 564501 | | | | 10036 |
| 14 | smart office supplies | 297.18 | 297.18 | d | pf | stationery | 21.1.14 | 825 | | May-14 | | 10037 |
| 15 | smart office supplies | 9.98 | 9.98 | d | pf | stationery | 23.1.14 | 934 | | May-14 | | 10037 |
| 16 | smart office supplies | 59.01 | 59.01 | d | pf | detergents | 28.1.14 | 1125 | | Aug-14 | | 10037 |
| 17 | greenspot | 8.18 | 8.18 | d | pf | milk | 27.1.14 | 100292 | | | | 10038 |
| 18 | louis stationery | 247.00 | 247.00 | d | pf | postage stamps | 22.1.14 | 315 | | | | 10039 |
| 19 | louis stationery | 22.14 | 22.14 | d | pf | stationery | 22.1.14 | 315 | | | | 10039 |
| 20 | p.cutajar | 129.00 | 129.00 | d | pf | 3 boxes coffee | 30.1.14 | 712761 | | | | 10040 |
| | **Sub Total c/f** | **€6,621.98** | **€6,621.98** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€6,621.98** | **€6,621.98** | | | | | | | | | |

SINDKU

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 277 tat-3/2/14**

Kunsillier

Kunsillier

**Data:** 14/1/14-3/2/14

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | valerio schembri | 1164.68 | 1164.68 | d | pf | perit laferla cross project | 16.1.14 | pf-ob-006-14 | | | | 10041 |
| 22 | avantech | 5.50 | 5.50 | d | pf | toner tax only | 29.1.14 | 171432 | | | | 10042 |
| 23 | avantech | 53.99 | 53.99 | d | pf | maintenance photocopier | 29.1.14 | 171502 | | | | 10042 |
| 24 | antonia aquilina | 146.97 | 146.97 | d | pf | attendant library jan14 | 1.2.14 | | | | | 10043 |
| 25 | synthesis | 826.00 | 826.00 | d | pf | supervisor of works jan14 | 31.1.14 | lc-004 | | | | 10044 |
| 26 | david grima | 80.00 | 80.00 | d | pf | fuel expenses jan14 | 1.2.14 | | | | | 10045 |
| 27 | nvc | 481.00 | 481.00 | d | pf | operating materials | 2.2.14 | 5713 | | | | 10046 |
| 28 | callus landscaing | 2795.16 | 2795.16 | t | pf | planting public spaces | 30.1.14 | 26 | | | | 10047 |
| 29 | n.baldacchino | 100.00 | 100.00 | d | pf | fuel expenses jan14 | 1.2.14 | | | | | 10048 |
| 30 | airmalta | 313.11 | 313.11 | d | pf | flight screens 10/2/14-11/2/14 | 3.2.14 | | | | | 10048 |
| 31 | bedford hotel | 85.00 | 85.00 | d | pf | accomodation brussels screens | 3.2.14 | | | | | 10048 |
| 32 | n.baldacchino | 200.83 | 200.83 | d | pf | accomodation brussels screens | 1.2.14 | | | | | 10048 |
| 33 | daniel cutajar | 429.97 | 429.97 | t | pf | collection bulky refuse jan14 | 30.1.14 | 13 | | | | 10049 |
| 34 | n.mizzi | 378.00 | 378.00 | t | pf | cleaning council premises jan14 | 1.2.14 | | | | | 10050 |
| 35 | cassie cutajar | 115.20 | 115.20 | d | pf | clerikal work saturdays jan14 | 1.2.14 | | | | | 10051 |
| 36 | a.vella velton | 360.00 | 360.00 | d | pf | 600 lamps for festoons milied 2013 | 31.12.13 | 221 | | 171/13 | 3372 | 10023 |
| 37 | gianluca pace | 413.00 | 413.00 | d | pf | repair water system gym/public conveniences | 28.12.13 | 2 | | | 2370 | 10022 |
| 38 | vcfs | 13416.05 | 13416.05 | t | pf | perit civic centre project | 12.6.13 | iv007 | | | 2375 | 10019 |
| 39 | louis stationery | 105.30 | 105.30 | d | pf | newspapers oct-dec13 | 22.1.14 | 314 | | | 2640 | 10021 |
| 40 | wasteserv | 4502.80 | 3146.17 | t | pp | msw waste dec13 | 15.1.14 | 45480 | | | 3040 | 10020 |
| | **Sub Total c/f** | **€25,972.56** | **€24,615.93** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€6,621.98** | **€6,621.98** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€32,594.54** | **€31,237.91** | | | | | | | | | |

SINDKU

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 277 tat-3/2/14**

Kunsillier

Kunsillier

**Data:** **14/1/14-3/2/14**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | parrocca san nikola | 1165.00 | 1165.00 | d | pf | armar u konsum festuni milied 2013 | 25.1.14 | 730 | | | 3372 | 10024 |
| 42 | parrocca san nikola | 400.00 | 400.00 | d | pf | armar tal-faccata tal-kunsill milied 2013 | 25.1.14 | 731 | | | 3372 | 10024 |
| 43 | arms | 91.29 | 91.29 | d | pf | dr n zammit 3/9/13-2/12/13 | 12.2.14 | 18049954 | | | 2130 | 10025 |
| 44 | arms | 46.08 | 46.08 | d | pf | gnien albert fenech 11/9/13-15/11/13 | 12.2.14 | 18049953 | | | 2130 | 10025 |
| 45 | arms | 91.12 | 91.12 | d | pf | dun anton vella 3/9/13-2/12/13 | 12.2.14 | 18049955 | | | 2130 | 10025 |
| 46 | arms | 68.36 | 68.36 | d | pf | premises 11/9/13-15/11/13 electricity | 12.2.14 | 18049957 | | | 2130 | 10025 |
| 47 | arms | 65.51 | 65.51 | d | pf | premises 11/9/13-15/11/13 water | 12.2.14 | 18049957 | | | 2140 | 10025 |
| 48 | arms | 68.36 | 68.36 | d | pf | premises 11/9/13-15/11/13 electricity | 12.2.14 | 18049958 | | | 2130 | 10025 |
| 49 | arms | 25.61 | 25.61 | d | pf | premises 11/9/13-15/11/13 water | 12.2.14 | 18049958 | | | 2140 | 10025 |
| 50 | arms | 30.60 | 30.60 | d | pf | gnejnet l-armonija 24/11/13-8/1/14 | 15.2.14 | 18062340 | | | 2130 | 10025 |
| 51 | arms | 309.81 | 309.81 | d | pf | bowling pitch lapsi 28/11/13-8/1/14 | 15.2.14 | 18062215 | | | 2130 | 10025 |
| 52 | ell's | 1673.30 | 1673.30 | t | pf | patching various | 26.1.14 | 423 | | | 2310 | 10026 |
| 53 | | | | | | | | | | | | |
| 54 | | | | | | | | | | | | |
| 55 | | | | | | | | | | | | |
| 56 | | | | | | | | | | | | |
| 57 | | | | | | | | | | | | |
| 58 | | | | | | | | | | | | |
| 59 | | | | | | | | | | | | |
| 60 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€4,035.04** | **€4,035.04** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€0.00** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€4,035.04** | **€4,035.04** | | | | | | | | | |

SINDKU

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 277 tat-3/2/14**

Kunsillier

Kunsillier